REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/829

tal-25 ta' Mejju 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 31/96 fir-rigward tal-istituzzjonijiet eliġibbli għal eżenzjoni mid-dazju tas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE ġiet emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235 ([2]), li introduċiet eżenzjonijiet mill-VAT u mid-dazju tas-sisa għall-isforzi tad-difiża mwettqa fi ħdan il-qafas tal-Unjoni.

(2) L-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 ([3]) jipprevedi ċertifikat ta' eżenzjoni, li jservi biex jikkonferma li ċerta tranżazzjoni tikkwalifika għal eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/118/KE. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw l-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa għal sforzi ta' difiża kif stabbilit fl-Artikolu 12(1), il-punt (ba), tad-Direttiva 2008/118/KE, dak iċ-ċertifikat jeħtieġ jiġi emendat.

(3) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 31/96 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(4) Peress li l-Artikolu 12(1), il-punt (ba), tad-Direttiva 2008/118/KE japplika mill-1 ta' Lulju 2022, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal dik id-data.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 31/96 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/2235 tas-16 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforzi ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 10).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 tal-10 ta' Jannar 1996 dwar iċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (ĠU L 8, 11.1.1996, p. 11).

ANNESS

L-UNJONI EWROPEA

ĊERTIFIKAT TA' EŻENZJONI MID-DAZJU TAS-SISA
(Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE l-Artikolu 12 (1))

Numru tas-serje (fakultattiv):

1. ISTITUZZJONI/INDIVIDWU ELIĠIBBLI

Dežinjazzjoni/isem .....

Triq u Nru .....

Kodiċi postali, post .....

Stat Membru (Ospitanti) .....

2. AWTORITÀ KOMPETENTI GĦALL-ĦRUĠ TAT-TIMBRU
(Isem, indirizz, indirizz tal-posta elettronika u nru tat-telefown)

3. DIKJARAZZJONI MILL-ISTITUZZJONI JEW IL-PERSUNA ELIĠIBBLI L-istituzzjoni jew l-individwu eliġibbli ([1]) b'dan jiddikjara

(a) li l-oġġetti stipulati fil-kaxxa 5 huma maħsuba ([2])

☐ għall-użu uffiċjali ta'
- □ missjoni diplomatika barranija
- □ rappreżentazzjoni konsulari barranija
- □ organizzazzjoni internazzjonali
- □ forza militari ta' Stat li huwa parti kontraenti tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (forzi armati tan-NATO)
- □ il-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru li qed jieħu sehem f'attività tal-Unjoni taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK)

☐ għall-użu personali ta'
- □ membru ta' missjoni diplomatika barranija
- □ membru ta' missjoni konsulari barranija
- □ membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali

_____
(dežinjazzjoni tal-istituzzjoni) (ara kaxxa 4)

(b) li l-prodotti deskritti fil-kaxxa 5 huma konformi mal-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li japplikaw għall-eżenzjoni fl-Istat Membru msemmi fil-kaxxa 1, u

(c) li l-informazzjoni ta' hawn fuq hija fornuta *in bona fide*. L-istituzzjoni jew individwu eliġibbli b'dan qiegħed jintrabat li jħallas lill-Istat Membru li minnu telqu l-prodotti, id-dazju tas-sisa li jkun dovut jekk dawn il-prodotti ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni, jew jekk il-prodotti ma ntużawx bil-mod oriġinalment maħsub.

Post, data

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Firma

4. TIMBRU TAL-ISTITUZZJONI (f'każ ta' eżenzjoni għall-użu personali)

Post, data

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Firma

5. DESKRIZZJONI TAL-PRODOTTI MIBGĦUTA, LI GĦALIHOM HIJA MITLUBA L-EŻENZJONI MID-DAZJU TAS-SISA

A. Informazzjoni li tikkonċerna lill-magazzinier awtorizzat

(1) Isem u indirizz .....

(2) Stat Membru .....

(3) Nru tas-Sisa .....

(fakultattiv)

B. Informazzjoni dwar l-oġġetti

Nru	Deskrizzjoni dettaljata tal-merkanzija ([3]) (jew referenza għall-formola tal-ordni mehmuża)	Kwantità jew Numru	Valur eskluż id-dazju tas-sisa		Munita
			Valur għal kull unità	Valur totali	
		Ammont totali			

6. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU OSPITANTI Il-konsenja tal-oġġetti deskritta fil-kaxxa 5

tissodisfa

o totalment

o sa kwantità ta' .....(numru) ([4])

il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mid-dazju tas-sisa

Post, data

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Firma

7. PERMESS GĦAD-DISPENSA MIT-TIMBRU TAĦT (fil-każ biss ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali)

ta' .....-.....

(referenza għall-fajl) (data)

ġie permess minn

(deżinjazzjoni tal-istituzzjoni eliġibbli)

biex ma jsirx it-timbru taħt il-

(deżinjazzjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti)

Post, data

Timbru

Isem u l-istatus tal-firmatarju

Firma

([1]) Ħassar kif xieraq.
([2]) Agħmel salib fil-kaxxa rilevanti.
([3]) Ħassar l-ispazju mhux użat. Dan l-obbligu japplika wkoll jekk formoli tal-ordni huma mehmużin.
([4]) Jenħtieġ li l-oġġetti mhux eliġibbli jitħassru fil-kaxxa 5.

Noti ta' spjegazzjoni

1. Għall-magazzinier awtorizzat, dan iċ-ċertifikat iservi bħala dokument ta' sostenn għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-kunsinni ta' oġġetti lill-istituzzjonijiet/individwi eliġibbli msemmija fl-Artikolu 12 (1) tad-Direttiva 2008/118/KE. Għaldaqstant, għandu jitfassal ċertifikat wieħed għal kull magazzinier. Barra minn hekk, il-magazzinier jeħtieġ li jżomm iċ-ċertifikat fil-fajls tiegħu b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw fl-Istat Membru tiegħu.

2. (a) L-ispeċifikazzjoni ġenerali tal-karta li għandha tintuża hija stipulata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* Nru C 164 tal-1.7.164, p. 1.7.1989.

   Il-karta għandha tkun bajda għal kull kopja u jenħtieġ li tkun 210 millimetri b'297 millimetri b'tolleranza massima ta' 5 millimetri inqas jew 8 millimetri iktar fir-rigward tat-tul tagħha.

   Iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għandu jitfassal f'duplikat:

   (i) kopja waħda biex tinżamm mill-konsenjatur,

   (ii) kopja waħda li għandha takkumpanja d-dokument amministrattiv ta' akkumpanjament

   (b) Kwalunkwe spazju mhux użat f'kaxxa 5.B għandu jiġi maqtugħ b'sing ħalli xejn ma jista' jiġi miżjud.

   (c) Id-dokument irid jimtela b'mod li jista' jinqara u b'tali mod li l-entrati ma jkunux jistgħu jitħassru. L-ebda tħassir jew kitba mill-ġdid ma huwa permess. Għandu jimtela b'lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti.

   (d) Jekk id-deskrizzjoni tal-prodotti (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) tirreferi għal formola tal-ordni tax-xiri li saret f'lingwa oħra għajr lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti, traduzzjoni trid tiġi mehmuża mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli.

   (e) Min-naħa l-oħra, jekk iċ-ċertifikat ikun tfassal f'lingwa għajr waħda rikonoxxuta mill-Istat Membru tal-magazzinier, traduzzjoni tal-informazzjoni li tikkonċerna l-prodotti fil-kaxxa 5.B għandha tinhemeż mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli.

   (f) Lingwa rikonoxxuta tfisser waħda mill-lingwi uffiċjali li tintuża fl-Istat Membru jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni li l-Istat Membru jiddikjara li tista' tintuża għal dan il-fini.

3. Permezz tad-dikjarazzjoni tiegħu fil-kaxxa 3 taċ-ċertifikat, l-istituzzjoni/individwu eliġibbli jipprovdi l-informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fl-Istat Membru ospitanti.

4. Permezz tad-dikjarazzjoni tagħha fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat, l-istituzzjoni tikkonferma d-dettalji fil-kaxxi 1 u 3(a) tad-dokument u tiċċertifika li l-individwu eliġibbli huwa membru tal-persunal tal-istituzzjoni.

5. (a) Ir-referenza għall-formola tal-ordni tax-xiri (kaxxa 5.B taċ-ċertifikat) irid ikollha fiha minn tal-inqas id-data u n-numru tal-ordni. Il-formola tal-ordni għandha jkollha fiha l-elementi kollha li jidhru fil-kaxxa 5 taċ-ċertifikat. Jekk iċ-ċertifikat ikollu jkun ittimbrat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, il-formola tal-ordni għandha tkun ittimbrata wkoll.

   (b) L-indikazzjoni tan-Nru tas-sisa kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 389/2012 [1] tal-magazzinier awtorizzat hija fakultattiva.

   (c) Il-muniti jenħtieġ li jkunu indikati permezz ta' kodiċi bi tliet ittri b'konformità mal-istandard internazzjonali ISO 4217 li ġie stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 (ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1).

6. Id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli għandha tkun awtentikata fil-kaxxa 6 permezz tat-timbru tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Dik l-awtorità tista' tagħżel li l-approvazzjoni tagħha tkun tiddependi fuq il-qbil minn awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha. Huwa f'idejn l-awtorità tat-taxxa kompetenti li takkwista tali qbil.

7. Sabiex il-proċedura tiġi ssimplifikata, l-awtorità kompetenti tista' tiddispensa mill-obbligu tal-istituzzjoni eliġibbli li titlob timbru fil-każ ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali. L-istituzzjoni eliġibbli jenħtieġ li jsemmi din id-dispensa fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat.